32005D0507

L 185/30 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 16.7.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2005

## li taħtar membru supplenti tar-Renju Unit tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/507/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern tar-Renju Unit,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE [1] li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2002 sal-25 ta' Jannar 2006.

(2) Post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li skada l-mandat tas-Sur William SPEECHLEY,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Huwa maħtur membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2006 is-Sur David PARSONS, Councillor, Leicestershire County Council biex jieħu post is-Sur William SPEECHLEY.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. BROWN

---

(1) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.